# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR MICHAEL MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Marzu 2000**

Citazzjoni Numru 24/00G1(MM)

John Mary sive Jimmy Muscat u martu Victoria Anne Muscat

-vs-

Frank Micallef

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi pprettew illi l-konvenut huwa debitur ta' l-atturi versu s-somma ta' elf sitt mija u wiehed liri Maltin (Lm1,601) dovut lill-atturi bhala bilanc minn somma akbar in parti ta' flus li kienu gew mislufa minnhom lill-konvenut sabiex ihallas kredituri minn tieghu u in parti bhala prezz tal-bejgh ta' sriedak, tigieg, gwies, cana u boroz tal-plastic u dan kif jirrizulta mill-anness dokument A li huwa rendikont tal-flus li kellhom u li baqalhom jigbru l-atturi minghand il-konvenut.

Illi l-konvenut minkejja li gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas dan il-bilanc ukoll permezz ta' ittra ufficjali tas-26 ta' Jannar 2000 huwa baqa' inadempjenti.

Illi dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u skond l-ahjar twemmin u fehma ta' l-atturi, il-

konvenut m’ghandu ebda eccezzjonijiet validi x’iressaq in kontestazzjoni tat-talbiet attrici ghal dikjarazzjoni u kundanna ghall-hlas;

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddiciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh normali tal-kawza ai termini ta’ l-Artikoli 167-170 tal-KOPC Kap 12.

2. Tiddikjara li hija dovuta lill-atturi mill-konvenut is-somma ta’ elf sitt mija u wiehed liri Maltin (Lm1,601) bhala bilanc minn somma akbar li l-konvenut ghandu jaghtihom ghar-ragunijiet fuq spjegati;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ elf sitt mija u wiehed liri Maltin (Lm1,601) bl-imghaxijiet b’effett mill-24 ta’ Settembru 1999 sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi ta’ l-ittra ufficjali tas-26 ta’ Jannar 2000 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab imharrek.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi, ikkonfermata bil-gurament minn John Mary Muscat.

Rat ukoll l-affidavit ta’ l-istess John Mary Muscat, minnu kkonfermat bil-gurament.

Rat ir-riferta posittiva tal-konvenut b’din ic-citazzjoni, kif ukoll bl-appuntament tas-smiegh ta’ din il-kawza li ggib id-data tat-23 ta’ Frar 2000, illi naqas illi jattendi ghas-seduta tal-lum, ghal-liema data kienet giet appuntata din il-kawza.

Semghet lill-attur bil-gurament.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Il-Qorti;

Peress illi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut debitur fil-konfront ta' l-atturi fl-ammont komplessiv ta' elf sitt mija u wiehed liri Maltin (Lm1,601).

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ndikata ta' elf sitt mija u wiehed liri Maltin (Lm1,601), bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Jannar 2000 u bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-konvenut.

(ft.) Michael Mallia
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur